# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

## Appell numru: 309/2016/1
**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar bit-Talba numru: 309/2016 AM3 datata 18 ta' Jannar, 2019**

## Dr Petra Attard (324086M)

**vs.**

## GP Properties Limited (C32440)

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mis-socjeta' intimata GP Properties Limited minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 18 ta' Jannar, 2019. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

i. L-appellata Dr. Petra Attard permezz ta' kuntratt tas-16 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit akkwistat minghand is-socjeta' appellanti GP Properties Limited, appartament internament immarkat bin-numru wiehed (1) li jifforma parti mill-blokk E fi Triq Birbal, Balzan, Malta flimkien ma' zewg garaxxijiet fl-istess blokk (a fol. 2 sa fol. 8 tal-process tal-ewwel Qorti);

ii. L-appartament flimkien mal-garaxxijiet inxtraw fi stat kompletament lest ghajr ghal xi oggetti li gew elenkati fid-dokument anness mal-kuntratt u mmarkat bl-ittra C liema oggetti gew issenjalati b'asterix fl-istess dokument immarkat bl-ittra C (a fol. 9 tal-process quddiem l-ewwel Qorti);

iii. Illi l-kamra tal-banju flimkien mal-ensuite kienu wahda minn dawk l-oggetti mhux lesti u difatti fid-dokument C gew issenjalati b'asterix u bhala deskrizzjoni kienet ta' '*Ideal Standard and fittings (€2000 for both)**'. Flimkien mad-deskrizzjoni tal-kamra tal-banju u l-ensuite kien hemm ukoll notament fil-pagna isfel li kien jghid is-segwenti: '**the amounts are inclusive of VAT and represent the amount that the vendor will deduct from the selling price or refund the purchaser should the purchaser opt to purchase other materials than as stated above.*' Malgrad li s-socjeta' appellanti kellha taghmel din l-kamra tal-banju u l-ensuite hija naqset li taghmel dan u pprovdiet biss il-madum;

iv. L-appellata nterpellat diversi drabi lis-socjeta' appellanti sabiex taghmel il-kunsinja tal-kamra tal-banju u l-ensuite u dan a tenur tal-kuntratt tas-16 ta' Frar, 2015 madanakollu dan kien inutili;

v. L-appellata ssostni li tramite l-kuntrattur Unique Construction and Development Limited gie offrut lill-appellata kumpens fl-ammont ta' €4000 u cioe' €2000 ghal kull kamra tal-banju. L-appellata Dr. Petra Attard tramite l-legali taghha accettat din l-offerta u kien ghalhekk li nterpellat lis-socjeta' appellanti b'ittra datata 4 ta' Awwissu, 2015 sabiex isir il-hlas (a fol. 10 tal-process quddiem l-ewwel Qorti). Madanakollu s-socjeta' appellanti nnegat kollox;

vi. Kien ghalhekk li nhar id-9 ta' Awwissu, 2016 l-appellata fethet kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex tithallas l-ammont ta' €4000 bl-ispejjez u bl-imghax;

vii. Is-socjeta' appellanti rrispondiet ghall-kawza nhar it-30 ta' Awwissu, 2016 fejn irrespingiet it-talbiet kollha stante li sostniet li l-ftehim qatt ma kien ghal dak l-ammont pero' ghal nofs l-ammont u dan hekk kif irrizulta mid-dokument immarkat bl-ittra C fejn jghid '€2000 for both'. Di piu' mill-ahhar komunika kien gie supplit il-madum tal-kmamar tal-banju, ghaldaqstant is-socjeta' ntimati sostniet li l-ammont reklamat kien wiehed esagerat.

2. Illi t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar permezz tad-decizjoni tieghu datata 18 ta' Jannar, 2019 laqa' t-talba ta' l-appellata Dr. Petra Attard ghall-hlas tal-kreditu fejn gie deciz kif isegwi:

> 'Ghaldaqstant tenut kont li mill-provi jirrizulta li l-attrici soffriet danni meta s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali taghha meta ma supplixxietx lill-attrici l-bathroom u l-ensuite tal-marka Ideal Standard, u tenut kont li l-quotation li tawha ta' Satariano li jgibu f'Malta d-ditta Ideal Standard hija fl-ammont ta' tlett elf tmien mija u hamsa u disghin euro u disgha u erbghin centezmu (€3,895.49) liema somma hija minghajr il-mano d'opera, dan it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha, jikkonsidra s-somma ta' erbat elef euro (€4,000) mitluba mill-attrici bhala wahda gusta u qed ghalhekk jilqa' t-talba attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef euro (€4,000).
>
> Bl-ispejjez u bil-imghax legali mil-lum a karigu tas-socjeta' konvenuta.'

3. Illi s-socjeta' intimata GP Properties Limited (C-32440) hassitha aggravata b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavolat l-appell odjern nhar l-5 ta' Frar, 2019. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet zewg aggravji kif isegwi:

a. Illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u konsegwentament ghamel valutazzjoni kemm fattwali u kemm legali errata taghhom;

b. Illi t-Tribunal illikwida l-ammont dovut ta' danni fuq 'quote' mahruga minn terz li lanqas hija kkonfermata in kwantu tirriflettix l-istess oggett jew le li l-partijiet ftehmu fuqu.

4. Illi da parti taghha l-appellata Dr. Petra Attard wiegbet ghal dan l-appell nhar il-25 ta' Marzu, 2019 u trattat dawn l-aggravji billi ddividiethom f'zewg taqsimiet u dan bil-mod segwenti:

a. Ksur tal-kuntratt

Is-socjeta' appellanti GP Properties Limited taghmel enfazi fuq id-dokument C esebit mal-kuntratt, meta huwa car li hija ghamlet ksur tal-obbligi assunti minnha fl-istess ftehim. Il-ftehim immarkat bhala Dokument C huwa car u jipprovdi li l-kmamar tal-banju riedu jkunu suppliti tal-marka Ideal Standard. Kien korrett it-Tribunal meta qal li la darba fil-ftehim giet specifikata l-marka, ma tistax issa tigi s-socjeta' appellanti u tghid li ma hemmx ghalfejn il-kmamar tal-banju jkunu ta' Ideal Standard.

Tkompli fir-risposta taghha li huwa offensiv kif is-socjeta' appellanti tirreferi ghat-Tribunal bhala li 'm'afferrax il-fatti tal-kaz' meta hija s-socjeta' appellanti li donnha ma afferratx l-fatti meta ilha 'l fuq minn erba' (4) snin biex ipprovdiet zewgt ikmamar tal-banju, meta l-inqas haga li setghet taghmel is-socjeta' appellanti kienet li tixtri u tissuplixxi l-kmamar tal-banju minn Malta. L-appellata Dr. Petra Attard baqghet tul il-mori tal-kawza ssostni li jekk jigu lilha provduti l-kmamar tal-banju kif maqbul hija ma kinitx ser tinsisti ghall-hlas ta' l-erbat elef euro (€4,000).

Skont l-appellata s-somma ta' elfejn euro (€2,000) tapplika biss li kieku kienet l-appellata li nvokat l-ghazla. Is-socjeta' appellanti qed tittenta tallega li s-somma ta' elfejn euro (€2,000) ghandha minn natura ta' danni prelikwidati daqs li kieku kienu xi penali miftehma minn qabel. Minn qari tal-klawsola juri li dan ma kienx il-ftehim.

b. Danni

Skont l-appellata l-ammont ta' erbat'elef euro (€4,000) jirrapprezentaw l-kumpens li l-attrici qieghda tippretendi wara li l-kmamar tal-banju Ideal Standard ma gewx suppliti mis-socjeta' appellanti. Dan l-ammont jirrapprezenta l-weghda ta' George Portelli li saret tramite Unique Construction.

It-Tribunal hass li din il-weghda ma torbotx lis-socjeta' konvenuta ghaliex ma saritx direttament minnha u liema weghda giet ikkontestata. F'dan ir-rigward l-appellata ma taqbilx ma' dan ir-ragunament tat-Tribunal peress li f'hafna okkazzjonijiet kienet Unique illi agixxiet bhala portavoce ta' GP Properties Limited u kemm-il darba l-istess George Portelli rreferihom ma' Unique.

L-appellata tkompli ssostni li kien korrett it-Tribunal meta qal li s-somma ta' erbat elef euro (€4,000) hija wahda ragonevoli bhala kumpens u dana fid-dawl tal-istima mressqa. L-appellata ma tistax tifhem kif issa f'dan l-istadju, is-socjeta' appellanti qieghda tqajjem id-dubju fuq l-istima. Din l-istima giet ikkonfermata mill-appellata nnifisha u kontro-ezami dwar dan l-punt ma sarx. Mhux gust li ghaliex it-Tribunal ghogbu li jaccetta l-veracita' tad-dokument issa jitqajjem dubju fuqu.

L-appellata zzid li s-somma ta' elfejn euro (€2,000) kienet tirrifletti l-cost price tal-kamra tal-banju minghajr l-intervent tal-agent u jekk fl-eventwalita' kien jingieb container kmamar tal-banju. Implicitament ma jfissirx li l-kmamar tal-banju Ideal Standard kienet tiswa daqshekk.

Hija taghmel ukoll referenza ghall-interessi fejn it-Tribunal iddecieda li ghandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza. L-appellata ma taqbilx ma dan u thoss li almenu fir-rigward l-ammont ta' elfejn euro (€2,000) li ma gewx ikkontestati u li baqghet ma gabritx, l-interessi kellhom jiddekorru mid-data tal-prezentata tar-rikors. L-ammont ta' interessi mid-data tal-prezentata tar-rikors u d-data tas-sentenza jammontaw ghall-erba' mitt euro (€400), l-appellata tqis li din il-Qorti wkoll ghandha tevalwa din il-

kwistjoni. Dan il-punt izda tqajjem bhala parti mir-risposta u ma giex intavolat appell dwaru.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel u t-Tieni aggravju**

6. Illi din il-Qorti sejra titratta dawn iz-zewg aggravji flimkien stante li entrambi jitrattaw apprezzament ta' fatti. Is-socjeta' appellanti GP Properties Limited (C-32440) tilmenta li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll li bbaza l-ammont dovut fuq kwotazzjoni li lanqas biss giet ikkonfermata. L-ilmenti li fuqhom huma bbazati l-aggravji huma s-segwenti:

a. Is-socjeta' appellanti tibda billi tghid li l-appellata bbazat il-kawza taghha fuq l-iskrittura li giet iffirmata kontestwalment mal-kuntratt finali. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti tat piz in kwantu s-sentenza giet ibbazata fuq ksur tal-obbligi kuntrattwali madanakollu meta ddecidiet fuq l-ammont, l-ewwel Qorti ddipartiet mill-imsemmi kuntratt u ordnat l-hlas fl-ammont ta' erbat elef euro (€4000) li jigi d-doppju ta' dak miftiehem fl-istess kuntratt.

b. Is-socjeta' appellatni ssostni wkoll li kif ikkonfermat kemm minn George Portelli – direttur ta' GP Properties Limited kif ukoll minn George Attard – missier l-attrici, GP Properties Limited ipprovdiet il-madum tal-kmamar tal-banju b'dan li l-valur mitlub huwa tal-fittings biss. Ghalhekk l-appellata m'ghandhiex ragun titlob l-ammont ta' elfejn euro (€2000) ghal kull kamra tal-banju, meta hija gia hadet il-madum u teknikament lanqas hija ntitolata ghall-ammont ta' elfejn euro (€2000).

c. L-aggravji tas-socjeta' appellanti jkomplu li minkejja li t-Tribunal innota li l-kawza kienet imsejsa fuq email mibghuta minn Unique Construction and Development Limited (l-kuntrattur) li ma tikkostitwix ftehim, it-Tribunal xorta laqa' it-talba taht vesti ta' danni meta l-appellata ma ressqitx talba ghad-danni pero' talba ghall-hlas ta' ammont specifiku fuq 'quote' mahruga minn terz li lanqas hija kkonfermata bil-gurament minn min harigha.

7. Illi l-Qorti fir-rigward tal-ewwel punt taghmel referenza ghall-kuntratt tas-16 ta' Frar, 2015 fl-atti tan-Nutar John Cachia Zammit partikolarment ghall-punt 10c. fejn dan jaqra kif isegwi:

> '10c. The vendor and purchaser agree, for all intents and purposes of law and for all good intent, that the item "Interior Doors" in the said annexed document "C" is excluded completely from said document "C" and also that all the items marked with an orange asterix on the said document "C" are yet to be fully finished and completed by the vendor as aforesaid after today.'

Illi wahda mill-oggetti li hija mmarkata b'dan l-asterix hija l-kamra tal-banju u l-ensuite fejn hemm indikat li 'Bathrooms & EnSuite: Ideal Standard and fittings (€2000) for both*'. Issa l-mertu ta' din il-kawza huwa proprju n-nuqqas ta' kunsinja ta' din il-kamra tal-banju u l-ensuite mis-socjeta' appellanti. Jirrizulta li tul iz-zmien kien hemm diversi promessi da parti ta' George Portelli ta' GP Properties Limited li ser jikkunsinja dawn l-oggetti. Prova ta' dan hemm email tal-1 ta' April, 2015 fil-hin ta' 9:33 (a fol. 32 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) fejn George Portelli kkonferma li huwa kien ghadu ma kkunsenjax l-oggetti u li kien ser jipprova jikkunsinja l-oggetti sal-gimgha ta' wara. Email ohra tal-10 ta' April 2015 fil-hin tal-10:24am (a fol. 33 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) fejn l-istess George Portelli skuza ruhu tad-dewmien u nfurmah li kien ser jiehu hsieb sal-gimgha ta' wara. Email ohra datata 24 ta' April, 2015 fil-hin ta' 5:40pm (a fol. 33 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) mibghuta minn Kirk Psaila ta' Unique Constructions & Developers Limited fejn fiha gie kkupjat ukoll George Portelli tas-socjeta' appellanti

fejn informa lil George Attard li '*I was informed by Mr Portelli that he will allow a budget of 2000euro for the bathroom of your choice. Please advise how you wish to proceed.*' Is-socjeta' appellanti baqghet qatt ma kkunsinjat l-oggetti mertu tal-kawza ghajr ghall-madum taghhom.

Minn dan jinsigi li kien gust it-Tribunal meta kkonkluda li minn naha tas-socjeta' appellanti evidentement kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali. Jibqa' pero' x'jigi trattat jekk it-Tribunal kellux jimxi mas-somma ta' elfejn euro (€2000) indikata fid-dokument C anness mal-kuntratt jew inkella kellux jilqa' t-talba tal-appellata ghas-somma ta' erbat'elef Euro (€4000), kif fil-fatt ghamel.

Illi fid-dokument C precizament fil-parti ndikata bhala 'Ideal Standard and fittings (€2000 for both)*' hemm notament li jghid li r-referenza ghas-somma ta' €2000 qieghda ghal '*the amounts are inclusive of VAT **and represent the amount that the vendor will deduct from the selling price or refund the purchaser should the purchaser opt to purchase other materials than as stated above.**' (enfazi tal-Qorti)

Illi l-kliem huwa car u ma jaghti lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Is-somma ta' elfejn Euro (€2000) tigi moghtija lill-appellata jew imnaqqsa mill-prezz tal-bejgh, fl-eventwalita' li l-appellata taghzel li tixtri materjal iehor mhux kif fuq indikat u cioe' materjal li huwa divers minn dak ta' Ideal Standard. Ghalhekk it-Tribunal kien korrett li ddecieda li l-indikazzjoni tas-somma ta' elfejn euro (€2000) fid-dokument C anness mal-kuntratt ma kinitx qieghda torbot id-decizjoni tieghu in vista tal-fatti tal-kaz odjern. Lanqas jista' jinghad li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal iddipartixxa mill-imsemmi kuntratt. Ghaldaqstant dan l-ilment tas-socjeta' appellanti ma huwiex gustifikat.

8. Fir-rigward tat-tieni lment is-socjeta' appellanti targumenta li l-ammont ta' elfejn euro (€2000) ghal kull kamra tal-banju huwa hafna u dana stante li hija kienet gia provdiet il-madum tal-kmamar tal-banju u difatti l-istima kienet tirreferi ghall-fittings biss.

Jigi fl-ewwel lok rilevat illi kieku s-socjeta' appellanti mxiet mal-obbligi kuntrattwali hija kienet obbligata li tissuplixxi l-madum u l-finishings kollha tal-kmamar tal-banju u l-ensuite kif ukoll ix-xoghol relatat mal-installar. Difatti jekk tinghata harsa lejn id-dokument C bhala titolu hemm imnizzel '**Finishing Works to be carried out** at Il-Pjazza Block E Apartment 1, Birbal Street, Balzan' (enfazi tal-Qorti).

Jirrizulta li huwa minnu li s-socjeta' appellanti ssupliet il-madum tal-kamra tal-banju u l-ensuite izda mhux il-finishings. Dan gie kkonfermat fil-kontro-ezami mill-appellata Dr. Petra Attard (a fol. 44 sa fol. 46 tal-process quddiem l-ewwel Qorti) u anke minn George Attard – missier l-appellata (a fol. 47 sa fol. 51 tal-process quddiem l-ewwel Qorti). Madanakollu prova ta' kemm kien il-valur ta' dan il-madum issuplit lill-appellata ma ngabitx tul il-process kollu. Ghaldaqstant dan l-ilment tas-socjeta' appellanti ma huwiex sufficjentement pruvat.

Ghall-kjarezza izda din il-Qorti tissenjala li hija ma taqbilx mat-tezi tal-appellata Dr Petra Attard fejn tittenta targumenta li l-madum tal-kamra tal-banju u l-ensuite jaqa' taht is-sezzjoni generali ndikata fid-dokument C bhala 'All Interior Tiles: Gres' u 'All Exterior Tiles: Non Slip Gres'. Il-madum tal-kamra tal-banju jaqa' taht is-sezzjoni tal-bathrooms & ensuite stante li l-istess sezzjoni taghmel distinzjoni bejn il-madum u l-fittings billi tirreferi ghalihom bhala 'Ideal Standard and fittings'.

9. Illi fir-rigward tat-tielet ilment jigi nnutat li l-kawza tal-appellata Dr Petra Attard hija msejsa fuq il-ksur tal-obbligi kuntrattwali. L-appellata ressqet it-talba taghha ghal somma specifika u cioe' dik ta' erbat elef euro (€4000) u dan fid-dawl tal-proposta li kienet giet avanzata minn Kirk Psaila (li pero' l-verzjoni ma gietx ikkonfermata minn GP Properties Limited) kif ukoll fid-dawl tal-istima li l-appellata gabet minghand Satariano (a fol. 42 tal-process quddiem l-ewwel Qorti).

Kif rilevat fid-decizjoni **Dr Jose Herrera noe -vs- Gaetano Debattista et noe** deciza nhar il-21 ta' April, 2004 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

'Issa hu principju tal-ligi li l-kolpa ta' l-inadempiment hi prezunta. Dan a sensu ta' l-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Kif enuncjat fis-sentenza a **Vol. XXIX P I p 611**, "l- Artikolu 831 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16) jistabbilixxi principju generali applikabbli ghal kull xorta ta' obbligazzjonijiet u jaghti azzjoni ta' danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh";

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Muscat -vs- Sam Panteleresco** deciza nhar il-20 ta' Novembru, 2009 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) illi:

'… jigi osservat l-ewwelnett illi r-rizarciment tad-danni spettanti lill-attur-xerrej u ghal liema jirreferi l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, hu regolat skont il-principji generali ta' l-inadempiment in kwantu l-obbligu tar-rizarciment hu bazat fuq ir-responsabilita kontrattwali tal-bejjiegh. Senjatament, l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "d-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma b'mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qliegh li jkun gie imtellef". Abbinati ma' din id-disposizzjoni hemm l-Artikoli 1136 u 1137 ta' l-istess Kodici. Wiehed ragjonevolment jifhem illi dak ikkontemplat mil-ligi bhala danni hu li x-xerrej jitqieghed fis-sitwazzjoni ekonomika ekwivalenti ghal dik li kienet tkun il-qaghda kieku l-oggett minnu mixtri kien tal-kwalita pattwita, u mhux ukoll ghal dik il-qaghda li jkun jinsab fiha meta hu jkun ikkonkluda n-negozju bi prezz inferjuri. Proprju dak mahsub bl-Artikolu 1135 jippresupponi l-prova indizzjarja ta' l-utilita` patrimonjali li x-xerrej seta' jikkonsegwi kieku ma kienx ghal dik ir-raguni tan-nuqqas tal-kwalita' fl-oggett;

Ukoll mill-perspettiva ta' l-Artikolu 1136 Kodici Civili li, skartat l-ghemil doluz, jobbliga lid-debitur ghal dawk id-danni li basar jew li wiehed seta' jobsor fiz-zmien ta' l-obbligazzjoni, hi l-enuncjazzjoni tal-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana**, in referenza ghall-

artikolu 1225 tal-Kodici Civili Taljan, simili ghal kollox ghal dak ta' l-Artikolu 1136 tal- Kapitolu 16, illi *"la prevedibilita` del danno richiesta dall'art. 1225 c.c. riguarda il danno considerato (non tanto nella sua intrinsica realtà), quanto nel suo concreto ammontare, sì che, ad integrare l'esistenza di tale requisito, non è sufficiente il riferimento ad una astratta prevedibilità del danno stesso, dovendo ritenersi, per converso, che il concreto ammontare del risarcimento non può eccedere l'entità prevedibile nel momento in cui è sorta l'obbligazione inadempiuta"* (**Cass. 17 ta' Marzu 2000, nru. 3102**);

Issa fil-kaz prezenti l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt illi l-attur xtara l-oggetti biex jerga' jbieghhom u, allura, l-ammont tad-danni prevedibbli ma setax ma jkunx f'rapport ma' dak tat-telf tal-gwadann mankat fil-mument ta' l-insorgenza ta' l-obbligazzjoni. Jekk wiehed joqghod ghat-testimonjanza ta' l-attur (ara Affidavit tieghu a fol. 15), fil-waqt tan-negozju, il-konvenut kien insista mieghu li l-prodotti li kien qed ibeghlu ma kellux ibieghhom b'ammont anqas minn Lm10. Invece, hu ddecieda li jibda jbieghhom ghall-prezz ta' Lm5.50. L-ewwel Qorti accettat il-propozizzjoni ta' l-attur kif dettaljata fil-prospett a fol. 24 tal-process u fejn allura minnu jirrizulta illi dan kien qed jikkalkola l-istess oggett bi prezz ta' Lm5.75, u mhux ukoll Lm5.50;

Dan premess, jidher li f'materja ta' danni kontrattwali l-Qrati taghna adoperaw ghal dak li hu telf ta' qliegh it-teorija tad-differenzazzjoni bejn il-prezz stipulat u l-prezz tas-suq fiz-zmien tal-konsenja. Ara b'ezemplari d-decizjoni fl-ismijiet "**Anthony Richard Calleja** ***nomine*** **-vs- Joseph Debono** ***proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 4 ta' Mejju 1953. Naturalment, in kwantu l-Artikolu 1135 succitat isemmi sija t-telf subit sija l-gwadann mankat, id-disposizzjoni ma tistax ma tkunx interpretata u ntiza bhala espressjoni ta' dak il-principju li ma jkunx rizarcit biss il-valur ta' l-oggett fis-suq izda, ukoll, il-konsegwenzi patrimonjali negattivi kollha li l-inadempjenza ggib fis-sehh. Li jfisser, allura, sija d-dannu emergenti, kif ukoll il-*lucrum cessans*. Dan f'sens reali u

mhux semplicement ipotetiku jew dipendenti minn fatturi ncerti;'

10. Issa jekk tinghata harsa lejn il-fatti ndikati fil-avviz odjern jirrizulta li l-appellata ma ressqitx talba ghal likwidazzjoni tad-danni pero' ressqet talba ghall-hlas ta' danni ta' ammont specifiku u cioe' dak ta' erbat elef euro (€4000). Fil-kaz prezenti l-obbligu assunt mis-socjeta' appellanti a bazi tal-ftehim dokument C anness mal-kuntratt huwa li tipprovdi kamra tal-banju u ensuite 'Ideal Standard'. L-appellata prezentat stima fl-ammont ta' tlett elef, tmien mija u disgha u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€3,895.49) li huma l-fittings kollha tal-kamra tal-banju u l-ensuite allegatament ta' livell medju tad-ditta Ideal Standard mahruga mill-agent ta' din id-ditta f'Malta. Ghalkemm l-istima ma gietx ikkonfermata bil-gurament minghand Satariano, l-appellata kkonfermat l-istima bil-gurament taghha u fuq l-istima ma gietx kontro-ezaminata. Minn din l-ircevuta johrog li minhabba n-nuqqas ta' adempiment tal-obbligi kuntrattwali tas-socjeta' appellanti, l-appellata, kienet ser issofri danni prevedibbli fl-ammont tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u disghin euro u disgha u erbghin centezmu (€3,895.49) u dan eskluz il-madum li gie effettivament supplit mill-appellanti. Il-Qorti bhat-Tribunal taqbel li filwaqt li l-appellata rnexxielha tipprova d-dannu mitlub fl-ammont mitlub sal-grad rikjest mil-ligi, l-appellanti ma rnexxilhiex ixxejjen l-istess prova. Huwa nutli li s-socjeta' appellanti ssostni li la darba hija ndikat is-somma ta' elfejn euro (€2,000) ghaz-zewgt ikmamar, allura l-ammont mitlub da parti tal-appellata stante li jmur ferm oltre mhux gjustifikat u dan stante li bhala mprenditrici f'dan ix-xoghol wiehed jistenna li s-socjeta' appellanti tinghata prezzijiet preferenzjali fuq materjal supplit lilha filwaqt li l-appellata odjerna bhala konsumatur normali ma kellhiex din l-opportunita'. Il-Qorti izda ma tarax gjusitifikat li t-Tribunal laqa' t-talba ghas-somma ta' erbat elef euro (€4,000) la darba s-somma pruvata fl-atti tirrizulta li hi dik ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u disghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€3,895.49) skont l-istima prezentata mill-istess rikorrenti. Huwa ghalhekk limitament fuq dan il-punt li l-Qorti ser tilqa' l-appell tas-socjeta' appellanti limitatament izda ghad-differenza bejn iz-zewg ammonti.

11. Illi kif gia accennat aktar 'il fuq l-appellata fir-risposta tal-appell taghha ghamlet sottomissjoni relatata mal-imghaxijiet dovuti lilha w' tippretendi li din il-Qorti tvarja d-decizjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward. Il-Qorti rat li ma gie ntavolat l-ebda appell incidentali f'dan ir-rigward u ghalhekk mhux ser tinoltra ruhha oltre fuq din il-kwistjoni.

## Decizjoni

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tilqa' parzjalment l-appell interpost fir-rigward tas-somma likwidata favur ir-rikorrenti appellata u tichdu fil-bqija w'ghaldaqstant:**

**(i) tghaddi sabiex tirriforma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi billi thassarha f'dik il-parti fejn ikkunsidrat s-somma ta' erbat elef euro (€4,000) mitluba mill-attrici bhala wahda gusta u laqghet it-talba attrici u ordnat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef ewro (€4,000);**

**(ii) in sostituzzjoni tas-suespost imhassar, tiddikjara li tqis bhala gusta s-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u disghin euro u disgha u erbghin centezmu (€3,895.49) mitluba mill-attrici u ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija u hamsa u disghin euro u disgha u erbghin centezmu (€3,895.49);**

**(iii) tikkonferma d-decizjoni appellata fil-bqija.**

**Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mit-Tribunal, l-ispejjez kollha ta' din l-istanza, in vista tal-varjazzjoni vera minima fl-ammont**

**likwidat, ghandhom jigu sopportati in kwantu 5% l-appellata fil-bqija mis-socjeta' appellanti.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**